# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 22 ta' April 2002**

**Avviz.  numru 813/00**

**Numru 37**

**Ancams Ltd**

**vs**

**Raymond Vella**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici  ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u tnejn u tmenin liri Maltin u erbgha u tmenin centezmi (Lm382.84) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut mis-socjeta attrici.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data illi fiha saret il-konsenja tal-merkanzija sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-nota ta’ cessjoni tal-istess socjeta attrici li biha cediet l-istess meritu tal-kawza pero zammet ferm fuq il-kap tal-ispejjez (ara fol 17 tal-atti).

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-10 ta' April 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu tilqa t-talba tas-socjeta attrici in rigward il-kap tal-ispejjez u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici l-ispejjez kollha.

Alan Calleja
Deputat Registratur